# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 42

Data tal-laqgħa: 14 ta' Settembru, 2017

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 14 ta' Settembru 2017 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** | |
|---|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina | |
| Viċi Sindku | Mario Gauci | |
| Kunsillieri | Christopher Fenech | |
| | Carl Grech | 6.14p.m. |
| | Mark Azzopardi | |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti | |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. billi ntqalet it-talba.

**42/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**42/01/01** Ma kienx hemm.

**42/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 41**

**42/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**42/02/02** **Para 41/02/02**: Ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza għadu ma sarx.

**42/02/03** **Para 41/02/03:** Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta fuq il-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna ħalli tintuża bħala librerija.

**42/02/04** **Para 41/02/05:** Il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti rigward l-immaniġġjar ta' traffiku fi Triq il-Gnien u Triq San Gwann għadha pendenti.

**42/02/05** **Para 41/02/06:** Fuq ir-*Revised Street Light Program*, it-tender għadu ma ġiex aġġudikat. Is-Sindku reġa' qajjem dan il-punt waqt il-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

**42/02/06** **Para 41/02/07:** Is-Sindku ħabbar li flok il-fanal li kien hemm mal-knisja, il-Kappillan ħa

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111   Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt   Website : www.gharghur.gov.mt**

jinvesti f'*searchlight* li għandha teħel fil-ġimgħat li ġejjien.

**42/02/07** **Para 41/02/09:** Is-Sindku spjega li l-ARMS għadhom ma bagħtulniex il-kont tas-*Searchlight Battery*. Is-Segretarju Eżekuttiv ha terġa' tagħmel kuntatt magħhom.

**42/02/08** **Para 41/02/10:** Fuq is-suġġeriment sabiex titneħħa l-bankina u ssir parking bay fi Triq San Ġwann ħdejn l-ATM, ix-xogħol għadu ma sarx. Is-Segretarju Eżekuttiv ha ġġib stima.

**42/02/09** **Para 41/02/13:** Fuq is-suġġeriment li jsir *culvert* fi Sqaq Warda dan ix-xogħol għadu pendenti.

**42/02/10** **Para 41/02/22:** Fuq it-talba ta' Sur Pinu Fenech sabiex isir *yellow line* fi Triq Kromb il-Baħar, dan ix-xogħol sar.

**42/02/11** **Para 41/02/23:** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Patrick Calleja sabiex isir *double yellow line* fi Triq il-Ġnien, dan ix-xogħol għadu pendenti. Barra minn hekk ħa ssir *site-visit*.

**42/02/12** **Para 41/02/32:** It-tindif tal-mirja sar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**42/02/13** **Para 41/02/33:** Is-Sindku għamel referenza għal dak li qal l-Onor. Silvio Parnis li hemm bżonn riforma fi ħdan il-LESA.

**42/02/14** **Para 41/05/17:** Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta mingħand il-bord tal-Awtorità tal-Artijiet rigward it-talba tagħna sabiex it-Torri tas-Semaforu jkun jista' jinkera ħalli jintuża sabiex isiru esibizzjonijiet.

**42/02/15** **Para 41/05/22:** Id-*double yellow line* quddiem nru 13 fi Triq il-Kbira sar.

**42/02/16** **Para 41/05/24:** Id-*dog bin* il-ġdid weħel fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**42/02/17** **Para 41/05/27:** Il-kaxxa tal-parkeġġ quddiem il-garaxx nru 68 fi Triq Fra D. Mifsud saret.

**42/02/18** **Para 41/05/30:** Il-kaxxa safra quddiem il-garaxx nru 94 fi Triq Mons. L. Catania saret.

**42/02/19** **Para 41/05/31:** Fuq is-suġġeriment li jitpoġġew żewġ pots fi Triq id-Dejqa u Triq il-Wiesgħa, it-tnejn li huma saru.

**42/02/20** **Para 41/05/32:** It-tabelli li ressaq is-Sur Christopher Fenech saru kollha.

**42/02/21** **Para 41/05/34:** Is-Sur Christopher Fenech kien ressaq li ssir *information panel* ħdejn it-Torri tas-Semaforu.

**42/02/22** **Para 41/05/35:** Il-linji fil-kantuniera bejn Triq in-Naxxar u Triq Giovanni Gafa' u Triq in-Naxxar k/m Triq Isqof S. Gaffiero għadhom ma sarux.

**42/02/23** **Para 41/05/36:** Is-Sur Christopher Fenech qal li s-safra għal Assisi, Cascia u Loreto ħa

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

ssir f'April 2018 minflok f'Novembru ta' din is-sena.

**42/02/24** **Para 41/05/37:** Fuq is-suġġeriment li ressaq is-Sur Mario Gauci ta' żewġ residenti sabiex issir *sleeping police* minn fejn tibda l-STOP sal-bankina fi Triq Caravaggio k/m Triq Naxxar. Il-Kunsill qabel li nġibu l-approvazzjoni ta' TM.

**42/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**42/03/01** Il-Sindku ressaq li noħorġu sejħa għal xiri ta' fanali. Kien hemm qbil unanimu.

**42/03/02** Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Onor. Silvio Parnis waqt il-Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana fejn qal li r-riforma tal-Gvern Lokali trid tibdel l-irwol u l-poteri tar-reġjuni. Fost l-oħrajn l-Onor. Parnis tkellem fuq ir-riforma tal-LESA kif ukoll fuq it-threshold finanzjarji l-ġodda tal-Kunsilli Lokali.

**42/03/03** Is-Sur Aquilina qal li l-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr Clifton Grima ħa ssir nhar is-27 ta' Settembru fl-10:40a.m.

**42/03/04** Is-Sur Ġiljan Aquilina qal li l-laqgħa mal-Ministru Dr Jose Herrera ħa ssir nhar it-2 ta' Ottubru fi 3:30pm.

**42/03/05** Is-Sindku ressaq li jsiru xi toqob mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogholijiet. Kien hemm qbil unanimu.

**42/03/06** Is-Sur Aquilina qal li l-attività tax-Xalata kienet suċċess.

**42/03/07** Is-Sindku qal li s-Sibt li ġej ħa ssir *clean-up* ġewwa l-Għargħur oraganizzata minn Let's Do it Malta flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Għargħur.

**42/03/08** Is-Sur Ġiljan Aquilina avża li l-Party tal-Halloween ġewwa Top of the world ħa jsir nhar it-28 ta' Ottubru fi 8:00p.m.

**42/03/09** Is-Sindku qal li ser isiru tliet attivitajiet tal-Milied, il-Mixja sal-Għar, il-Party tal-Milied għal anzjani, kif ukoll il-Kunċert tal-Milied li ser jorganizza s-Sur Christopher Fenech.

**42/03/10** Is-Sur Aquilina ressaq li jinħareġ fuljett f'Diċembru li jkun jikkonsisti minn messaġġ mis-Sindku, is-Sur Mark Azzopardi ħa jikteb artiklu fuq is-Sur Guido Tanti. Barra minn hekk, fil-fuljett ħa jkun ukoll promozzjoni fuq l-attivitajiet tal-Milied.

**42/03/11** Is-Sur Ġiljan Aquilina spjega li rċevejna li rridu mmorru għal seduta fi Tribunal għat-talbiet iż-żgħar fuq l-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-21 ta' Ottubru 2015 fi Triq San Nikola fejn fanal waqa' fuq il-vettura LEK941. Wara diskussjoni sħiħa l-Kunsill qabel li jekk ma sarx rapport għand il-Pulizija mmorru flimkien mal-Avukat għas-seduta mentri jekk jinstab li sar rapport, il-Kunsill iħallas l-ispejjeż kollha.

**42/03/12** Is-Sindku ressaq li niktbu lil TM sabiex ikun hemm uffiċjali ta' TM fi żewġ daħliet tal-Għargħur.

**42/03/13** Is-Sindku ressaq li Triq Ghaxqet l-Ghajn minn naha ta' Birguma issir *one-way* mis-6am-

9am dan sabiex jonqos l-abbuz li qieghed jigi inotat li hafna karozzi gejjien minn naha ta' fuq ta' Malta juzaw il-Gharghur bhala triq iqsar. Il-konsegwenza ta' dan kollu qedgha tkun kongestjoni fi Triq Santa Katerina, Triq in-Naxxar u toroq tal-madwar. Dan gie approvat.

**42/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**42/04/01** Ma kienx hemm.

**42/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**42/05/01** Il-Kunsill irċieva risposta minn Transport Malta rigward it-talba tagħna għal għajnuna finanzjarja biex issir sistema ta' *Traffic Lights* fi Triq il-Ġnien. Bażikament skont is-Sur Sandro Azzopardi peress li Triq il-Ġnien mhix arterjali u taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali dawn il-*lights* iridu jithallsu mill-Kunsill. TM mhux toffri għajnuna finanzjarja fuq toroq li mhumiex arterjali. Il-Kunsill qabel li nergghu niktbu lil TM (kif ukoll inkellmu lill-Ministru responsabbli) u ninsistu li dawn it-*traffic lights* ghandhom jigu installati minn TM kif ukoll il-Kunsill ma qabilx li dawn il-*lights* ikunu bi tlett kuluri flok bi tnejn. Ser jigu evalwati l-possibiltajiet li jezistu biex dawn il-lights ikunu instalati b'mod temporanju ghal perjodu ta' prova. Għal Christopher Fenech ma taghmilx differenza jekk it-*traffic lights* ikunux bi tnejn jew tliet kuluri.

**42/05/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEPA.

**42/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinj. Leanne Vella fejn talbet li ssir mera fuq l-għolja ta' Top of the world. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**42/05/04** Fuq it-talba ta' Sur Jesmond Tonna li jsiru linji sofor quddiem il-garaxx sabiex ikun jista' jidħol u joħroġ mingħajr diffikultà. Il-Kunsill qabel li ssir kaxxa safra quddiem il-garaxx.

**42/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEPA.

**42/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Adrian Mifsud fejn infurmana li l-Ministru approva l-ħatra tal-persuna nominata mill-Kunsill Lokali bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv, b'effett mill-1 ta' Settembru 2017. Din il-ħatra qed issir skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali u Regolament 7 tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani), Avviż Legali 127 tal-1998.

**42/05/07** Il-Kunsill irċieva stedina minn Radju Malta sabiex anzjan mill-Għargħur jipparteċipa waqt il-programm Tifkiriet. Il-Kunsill għażel lil awtur lis-Sur Carmel Aquilina.

**42/05/08** Ġiet innutata Ċir AKL 66/2017 – Formoli u Aġenda tal-Laqgħa Plenarja, 30 ta' Settembru. Għal din il-laqgħa ħa jattendi s-Sur Ġiljan Aquilina.

**42/05/09** Il-Kunsill irċieva mingħand l-Inġ. Mario Sammur il-BOQ, *specifications* u *technical offer* tal-*Outdoor Gym Equipment*. Dawn ġew approvati mill-Kunsill għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat kollox lill-Perit tal-Kunsill sabiex ikun jista' jinkludi ic-civil works/tiling/flooring u mbagħad id-dokument ikun jista' jiġi ppubblikat.

**42/05/10** Ġiet innutata Ċir AKL 67/2017 – Courses and Registration forms for the AMIF (Asylum, Migration and Integration Fund) project.

**42/05/11** Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni mingħand "Borg Furniture" rigward il-gradi ta' Ġnien il-Paċi. Peress li l-prezz kien għali, il-Kunsill qabel li jġib iktar stimi.

**42/05/12** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 25/2017 – Seminar dwar il-preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji għall-2017 (Direttiva Numru 1/2017). Dan is-seminar ħa jsir nhar l-Erbgħa, 27 ta' Settembru 2017 fil-Kunsill Lokali tal-Mosta. Minbarra dan is-seminar, ser jiġu organizzati żewġ sessjonijiet oħra ta' taħriġ fuq bażi reġjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tattendi għal dan is-seminar.

**42/05/13** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Roderick Zammit – World Tourism Day (27th September 2017).

**42/05/14** Ġiet innutata Ċirkulari AKL 46/2017 – Inizzjattiva MCCF, bażikament kull Kunsillier jista' mill-Allowance tiegħu ta' kull xahar, jagħti €2.33 sabiex jingħataw f'donazzjoni lil Istrina kull sena. Ħadd mill-Kunsilliera ma xtaq jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

**42/05/15** Fuq it-talba ta' Sinj. Cassar li toqgħod fi Triq Santa Katerina u li għandha bżonn ittra mill-Kunsill biex tappella ma' TM biex ma jipparkjawx il-mini-bus ħdejn il-garaxx – Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tagħmel kuntatt magħha sabiex tara tifhem xi inhi l-problema.

**42/05/16** Fuq it-talba għal tabella vleġġa żgħira - Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**42/05/17** Fuq it-talba ta' Sinj. Vella sabiex issir tabella ħalli l-*exhaust pipe* jkun iħares 'il barra (fejn iż-żewġ kaxxi tal-parkeġġ f'Misraħ il-Knisja) – Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**42/05/18** Fuq is-suġġeriment biex issir xi ħaġa flok iż-żewġ bollards ħdejn l-istage tal-pjazza għax kull darba jintlaqtu mit-trakkijiet – Il-Kunsill qabel li jsiru l-isfel, għat-tond u jinżebgħu.

**42/05/19** Fuq it-talba biex fi Sqaq Rużarju jkun hemm *bollard* li jissakkar b'ċavetta – il-Kunsill qabel li nibagħtu ittra lir-residenti ta' Sqaq Rużarju sabiex naraw jaqblux ma din il-proposta.

**42/05/20** Fuq it-talba għal tabella 'T' għal Sqaq Rużarju – Il-Kunsill qabel li nixtruha.

**42/05/21** Fuq l-ilment li l-Każin tal-Futbol qed jieħu diversi kaxxi tal-parkeġġ fi Triq San Ġwann biex qiegħed l-imwejjed u siġġijiet – Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tagħmel kuntatt mas-sid.

**42/05/22** Fuq l-ilment ta' Sinj. Azzopardi rigward ħofor kbar f'Top of the world fejn hemm il-konkos – Il-Kunsill qabel li għalissa nibagħtu ħaddiem tal-Kunsill jimla' l-ħofor imbagħad filkas 'il quddiem niltaqgħu mal-Perit u naraw x'jista' jsir.

**42/05/23** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa tad-Duluri, qabel is-sqaq) – Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**42/05/24** Il-ilment mis-Sinj. Pace peress li meta ħarġu n-nar mill-*fireworks factory*, ma kienx hemm Pulizija magħhom kif ukoll peress li r-residenti ma ġewx innotifikati – Il-Kunsill

qabel li s-Sinj. Pace għandha tgħaddi dan l-ilment lill-Pulizija. Gie inotat ukoll li kull meta jigi transportat in-nar ghandu ikun hemm puluzija prezenti.

**42/05/25** Fuq it-talba ta' Sur Spiteri sabiex Triq l-Indipendenza (fil-parti d-dejqa) issir bit-tarmac – Il-Kunsill ser ikompli jiġri wara TM sabiex ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza jsir malajr kemm jista' jkun.

**42/05/26** Fuq l-ilment dwar il-ħmieġ tal-klieb u sabiex ikun hawn aktar wardens – Il-Kunsill jaqbel li jkun hawn iktar Green Wardens.

**42/05/27** Fuq it-talba ta' Sur Ancilleri sabiex titranġa parti mill-bankina fi Sqaq iċ-Ċawl – Il-Kunsill qabel li jġib stima mingħand ir-Road Servicing Ltd.

**42/05/28** Fuq it-talba għal ftit konkos fit-tarf ta' Triq San Ġorġ – Il-Kunsill wara li ra r-ritratti, ma laqax din it-talba peress li t-Triq tinsab f'kondizzjoni tajba.

**42/05/29** Fuq it-talba ta' Sinj. Hammenborn sabiex issir kaxxa tal-MC flok il-*yellow line* li jinsab ħdejn il-garaxx tagħha peress li għandha problema biex tidħol u toħroġ mill-garaxx – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li l-kaxxa tal-MC ma tistax tiġi fit-tarf ta' triq.

**42/05/30** Fuq it-talba ta' Sur Ancilleri biex tiġi xiftjata mera fuq in-naħa l-oħra ta' Triq Caravaggio jew sabiex titwaħħal mera oħra – Il-Kunsill qabel li jekk is-Sur Ancilleri jixtieq mera għal użu personali jrid iħallas l-ispejjeż hu.

**42/05/31** Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex issir kontenitur fejn in-nies jarmu l-ħwejjeġ (bejn l-ATM u l-Bus Stop) – Ma kienx hemm qbil.

**42/05/32** Is-Sur Ġiljan Aquilina ressaq li jitneħħa il-bin, kif ukoll il-bank u t-tabella li hemm qrib il-Ġnien tal-Ponta. Kien hemm qbil unanimu li jitneħħew u li l-post jitnaddaf kif suppost.

**42/05/33** Is-Sindku ressaq li ngħidu lill-Ministru Herrera rigward il-problema li l-ħitan ta' Triq Għaxqet l-Għajn li hu magħmul mill-ġebel tal-franka qiegħed ifarfar – Kien hemm qbil unanimu.

**42/05/34** Is-Sur Ġiljan Aquilina ressaq li fi Triq Dun S. Zarb teħel *sticker* 'Tarmix żibel hawn' u sabiex tintbagħat ittra lil dak ir-resident li ħareġ bosta qsari fuq il-bankina – Il-Kunsill qabel unanimament.

**42/05/35** Is-Sur Mario Gauci ressaq li wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill jiżbor is-siġra li tinsab fi Triq Mons. L. Catania u barra minn hekk jirranġa l-ħajt li waqa' - Kien hemm qbil unanimu.

**42/05/36** Is-Sur Mark Azzopardi ressaq li titranġa t-tumbata li hemm fi Triq Kromb il-Baħar – Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit.*

**42/05/37** Is-Sur Azzopardi ressaq li fi Triq F. Zarb (fi Sqaq ta' ħdejn l-antenna) qed iżomm ħafna ilma – Il-Kunsill qabel li nieħdu parir mingħand il-Perit fuq x'jista' jsir.

**42/05/38** Is-Sur Ġiljan Aquilina ressaq li teħel bozza ġdida ma' arblu fi Sqaq ix-Xaqquf – Kien

hemm qbil unanimu.

**42/05/39** Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment sabiex il-biċċa t'isfel ta' Triq San Bartilmew tiġi '*one-way*'. Il-Kunsill ma qabilx li ssir, barra minn hekk is-Sur Mark Azzopardi saħaq li l-Kunsill għandu fil-futur jerġa' jikkunsidra l-ġestjoni tat-traffiku wara li titla' l-blokka ta' Triq l-Isqof Gargallo k/m Triq San Bartilmew.

**42/05/40** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir 'STOP' sign fi Triq San Bartilmew; Żewġ tabelli tal-'*one-way*' fi Triq Żagħruna; Tabella 'T' fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa; Vleġġa fi Triq Karmnu Zarb; Tabella li turi '*sleeping police*' kif ukoll tabella li turi trakkijiet żgħar fi Triq Karmnu Zarb u tabella 'STOP' fi Triq Żagħruna. Dawn kollha ġew approvati.

**42/05/41** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li wara li jeħlu t-tabelli tal-'*one-way*' fi Vjal ir-Repubblika k/m Triq Karmnu Zarb, wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill iħassar il-linja li tinsab f'nofs it-triq. Dan is-suġġeriment ġie approvat unanimament.

**42/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**42/06/01** Ma kienx hemm.

**42/07** **Kunsiderazzjoni tal-Applikazzjonijiet għal ħatra ta' Ambaxxatur / Ambaxxatri**

**42/07/01** Kien hemm applikazzjoni waħda għall-post ta' Ambaxxatur / Ambaxxatriċi ta' Żgħażagħ. Ġie deċiż li Sinjorina Victoire Muscat tkun l-Ambaxxatriċi ta' Ħal Għargħur. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**42/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**42/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**42/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**42/09/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:55p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 2017 fil-5:30pm.

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**